# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

**Edizzjoni Nru. 4**
**Mejju - Ġunju - Lulju 2005**

FESTI ĊENTINARJI KATARINJANI

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt




## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonnici*

Il-Malti jgħid "Imut Papa u jilħaq ieħor". Hekk għadu kif ġara f'dawn l-aħħar ġimgħat bil-mewta tal-maħbub Papa Ġwanni Pawlu II u bil-ħatra tal-Papa Benedittu XVI. Kemm smajna eloġji fuq il-Papa Ġwanni Pawlu II, u dan bir-raġun għax dan il-Papa kiteb storja ġdida fil-ħajja tal-Knisja billi kien l-aktar Papa li ħareġ mill-Vatikan sabiex ikun qrib in-nies madwar id-dinja, speċjalment il-foqra u dawk fil-bżonn. Mhux ta' b'xejn li l-mewta tal-Papa Ġwanni Pawlu II ġabet niket kbir fid-dinja kollha u saħansitra l-popli li ma jħaddnux ir-reliġjon nisranija urew sogħba kbira għall-mewt tiegħu. Il-qima kbira li ngħata fil-funeral kienet turija t'apprezzament xieraq lejn dan il-missier li warajh ħalla ġid kbir u tama qawwija għal għaqda dejjiema fost il-ġnus.



*Il-President tas-Soċjetà Anthony Bonnici flimkien mal-Papa Ġwanni Pawli II*

Aħna l-Maltin għandna verament għaliex inħossuna xxurtjati u kburin li l-Qdisija Tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II ġie fostna darbtejn. Kulħadd jibqa' jiftakar il-ferħ li ġab miegħu il-Papa u kemm nies ġibed warajh minn kull fejn għadda. Niftakru n-numru kbir ta' qaddisin u bejati li għamel dan il-Papa, fosthom tlieta ħutna Maltin, sabiex fuq l-eżempju tagħhom infasslu u nibnu l-ħajja spiritwali tagħna.



*Francesco Zahra, it-Trasportazzjoni tal-Ġisem ta' Santa Katarina għall-Muntanja Sinaj, ca 1755. Din il-Pittura tinsab fil-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' Santa Katarina V.M. Żurrieq*

Aħna ż-Żrieraq għandna rabta speċjali mal-Papa Ġwanni Pawlu II. Kulħadd jaf kemm dan il-Papa minn dejjem wera mħabba speċjali lejn Verġni Marija, Omm Alla u Ommna l-bnedmin u kemm kien devot tal-Madonna taħt it-titlu tal-Karmnu. Rabta speċjali oħra hija l-mawra tal-Papa fuq il-muntanja Sinai fis-sena tal-Ġublew fejn hu żar u ta qima lill-fdalijiet tal-Qaddisa Patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra. F'inqas minn sentejn, jiġifieri fis-sena 2002 b'digriet tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-25 ta' Novembru, jum il-festa liturġika ta' Santa Katarina, reġa' ddaħħal fil-kalendarju Ruman tal-Knisja Universali. Fid-dawl tal-qlajjiet bla sens li kienu ġerrew fis-snin sittin nies li jagħmew bil-pika, dawn iż-żewġ episodji tal-Kap tal-Knisja, kienu ta' mportanza kbira, sabiex isem Santa Katarina reġa' ngħata d-dinjità li jixraqlu.

Bħala turija ta' l-imħabba kbira tad-devoti ta' Santa Katarina lejn il-Papa niftakru fl-Udjenza speċjali li saret fil-Vatikan u li jien bħala l-President tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq kelli l-unur li mmexxi delegazzjoni mill-Kumitat. Waqt din l-udjenza l-Papa Ġwanni Pawlu II qalilna, "Għandkom verament tkunu kburin li għandkom lil Santa Katarina Verġni u Martri bħala l-Patruna tar-raħal tagħkom". B'tifkira ta' din l-okkażjoni ppreżentajna tifkiriet lill-Papa Ġwanni Pawlu II li kienu kwadri fuq it-tila li juru l-martirju tal-Preti u l-istatwa proċessjonali ta' Marjanu Gerada. Issa nħejju sabiex wara mewtu s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina tfakkar lil dan il-Papa maħbub bi statwa li tfakkar iż-żjara tiegħu fuq il-muntanja Sinai fejn ta qima lil Santa Katarina Verġni u Martri Patruna taż-Żurrieq. Din l-istatwa se tintrama fil-ġranet tal-festa f'Misraħ Mattia Preti.

B'dawn it-tifkiriet sbieħ tal-maħbub Papa Ġwanni Pawlu II għandna lkoll nirriflettu bis-serjetà, kif fis-sena taċ-Ċentinarju ta' l-1700 sena mill-Martirju ta' Santa Katarina, għandna nwettqu l-motto taċ-Ċentinarju "L-Imħabba ta' Kristu Tmexxina." Naħseb li jitolbu minna Santa Katarina u l-Papa Ġwanni Pawlu II huwa li nkunu tolleranti lejn xulxin u li nfittxu li nsibu l-kuntentizza tagħna billi ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn. B'hekk meta ngħidu Viva Santa Katarina l-kliem tagħna jkun verament jagħmel sens.






## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Sammut Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Camilleri Anna | Rappreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Farrugia Emanuel | Rappreżentant Sezzjoni Nar |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |


# EDITORJAL

Reġgħu għaddew tliet xhur oħra u dħalna sew fis-sena taċ-Ċentinarju mill-mewt tal-Qaddisa Patruna tagħna Santa Katarina V.M.

Nixtieq nibda billi nuri s-sogħba tiegħi għall-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Papa li żgur jibqa' fi qlubna, speċjalment minħabba l-unur li ta lil Santa Katarina. Ta' dan aħna nirringrazzjawh minn qalbna.

*Ħadna ħafna gost bl-interess li intom il-membri qed turu f'din il-gazzetta u bil- bosta suġġerimenti u kummenti tagħkom. Fil-fatt illum iddeċidejt li nippublika ittra li rċevejna u li deherli kienet ta' nteress għalikom il-membri. Komplu ndirizzaw l-ittri tagħkom hekk:* L-Editur, Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona, Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M., Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.

*Nirringrazzjakom ukoll tal-parteċipazzjoni tagħkom fiċ-ċelebrazzjonijiet marbutin maċ-Ċentinarju, filwaqt li nħeġġiġkom tkomplu tagħtu sehemkom. Insellmilkom.*

*Lorna Darmanin - Editriċi*



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II iqim lil Santa Katarina ta' Lixandra*

*Għażiża Editriċi,*

*Filwaqt li minn qalbi nifraħlek ta' dan il-fuljett ferm informattiv, sabiħ u nteressanti nixtieqek tippermettili nsellem lil Papa Ġwanni Pawlu II, Papa ferm kbir u qaddis. Il-mezzi tax-xandir, għal darba, tnejn u tlieta, wrewna l-kobor ta' dan il-Papa u l-ġid kbir li għamel permezz tal-vjaġġi tiegħu, bil-kliem u l-ġesti tiegħu, bil-kitbiet u l-valuri li ttrasmetta, bil-personalità qawwija tiegħu, bl-interventi uniċi tiegħu fl-istorja u fuq kollox bil-ħajja integra u spirtwali tiegħu.*

*Dan il-Papa jibqa' żgur f'qalbna ż-Żrieraq minħabba dan kollu, u xejn inqas - għala le - għax rajnieh iqim u jbus b'devozzjoni kbira l-fdalijiet tal- ġisem il-Qaddisa Patruna tagħna Santa Katarina ta' Lixandra waqt iż-żjara tiegħu fil-monasteru tagħha fis-Sinaj. Nibqgħu niftakruh ukoll b'ferħ l-iktar kbir għax kien hu li għaraf il-kobor tal-qaddisa tagħna u għal darb'oħra reġa' daħħalha fil-Kalerdarju Universali tal-Qaddisin bħala tifkira, nhar il-25 ta' Novembru. Nirringrazzjak.*

John Schembri.



*Il-Papa jbus il-fdalijiet tal-Ġisem ta' Santa Katarina V.M.*

# Wirja ta' ritratti fil-Każin

Se jkun hemm wirja ta' ritratti fis-Sala tal-Każin bejn is-Sibt 21 ta' Mejju u l-Ħadd 29 ta' Mejju 2005. Ser ikun hemm ritratti relatati mal-Festa 2004 u mal-ħames safra tal-Banda ġewwa Lucca.

Min irid se jkun jista' jordna kopji tar-ritratti li jixtieq.


**HP Cole Ltd.**

**Għal kull tip ta' xorb, spirti kif ukoll varjetà kbira ta' inbid...**



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

## (Dettalji fis-sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)

| | |
|---|---|
| 27/05/2005 - 7.00pm | High tea fil-każin |
| 07/05/2005 - 15/05/2005 | Wirja dwar Santa Katarina V.M. fis-swali tal-Każin |
| 13/05/2005 - 7.00pm | Taħdita minn soċju tal-MUSEUM fil-Każin |
| 14/05/2005 - evening | Country Night fil-Każin |
| 15/05/2005 - evening | Banana Power Disco |
| 21/05/2005 - 29/05/2005 | Wirja ta' ritratti fil-Każin |
| 22/05/2005 - 6.15pm | Marċ u programm ġewwa l-Marsa għall-festa tat-Trinità |
| 29/05/2005 - evening | Banana Power Disco |
| 04/06/2005 - evening | Country Night fil-Każin |
| 05/06/2005 - 2.30pm | High tea fis-St.George's Park Holiday Complex San Ġiljan |
| 10/06/2005 - 7.00pm | Taħdita minn soċju tal-MUSEUM fil-Każin |
| 12/06/2005 - 9.15am | Quddiesa u tiġdid tal-konsagrazzjoni tal-Każin lill-qalb ta' Ġesù u ta' Marija |
| 12/06/2005 - 6.15pm | Marċ u programm Ħaż-Żebbuġ għall-festa ta' San Filep |
| 19/06/2005 - 6.30pm | Marċ ġewwa ż-Żejtun għall-festa ta' Santa Katarina |
| 20/06/2005 | Musical Jisimni Katarina fuq iz-zuntier tal-Knisja |
| 25/06/2005 - evening | BBQ Garden of Eden |
| 27/06/2005 - 8.00pm | Marċ ġewwa tas-Sliema għall-festa tas-Sacro Cuore |
| 29/06/2005 - 8.30pm | Marċ għall-festa ta' Sant' Andrija ġewwa Ħal Luqa |
| 06/07/2005 - 9.00am | Coffee morning fil-Każin |
| 10/07/2005 - 6.45pm | Marċ u programm ġewwa Ħal Balzan għall-festa ta' l-Annunzjata |
| 16/07/2005 | Ġurnata Splash and Fun Park |

## Rokna tan-Nisa - *Anna Camilleri*

Reġgħu għaddew tliet xhur oħra. Iż-żmien ma jistenna 'l ħadd u s-sajf daqt ikun magħna, fejn inkomplu niċċelebraw bil-kbir iċ-Ċentinarju tal-Patruna tagħna Santa Katarina.

Il-Ġimgħa 25 ta' Frar aħna n-nisa kellna l-25 anniversarju mit-twaqqif ta' l-ewwel Sezzjoni Nisa fiż-Żurrieq. L-attivitajiet li organizzajna kienu suċċess u l-membri attendew bi ħgarhom. Waqt il-festin ta' l-okkażjoni li kellna fil-każin tagħna ġew mogħtija lilna diversi tifkiriet minn kull fergħa tas-soċjetà, u f'isem is-Sezzjoni Nisa nirringrazzjakom.



*Il-membri nisa waqt festin li sar fil-Każin għall-25 Sena Anniversarju*



*L-Ewwel Sezzjoni Nisa fiż-Żurrieq*

Għal dawn it-tliet xhur li ġejjin ser inkomplu bl-attivitajiet tagħna: **Il-Ġimgħa 27 ta' Mejju - High tea il-Każin fis-7.00pm.** Il-Ħadd 5 ta' Ġunju - High Tea fis-St.George's Park Holiday Complex San Ġiljan fis-2.30pm. L-Erbgħa 6 ta' Lulju - Coffee Morning fil-Każin fid-9.00am.

Attivitajiet oħra jitħabbru aktar 'il quddiem. Insellmilkom u nirrangrazzjawkom ta' l-appoġġ li dejjem sibna mingħandkom.

## Wirja dwar Santa Katarina ta' Lixandra

Ser tittella' wirja bit-tema **'SANTA KATARINA - QADDISA MAĦBUBA U MEQJUMA'** fl-okkażjoni tal-festi Ċentinarji Katrinjani 305-2005. Din il-wirja se tittella' fis-swali 'President Onorarju Ġużeppi Gauci' u 'Mro.Espedito Deguara' tal-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq minn nhar is-Sibt 7 ta' Mejju 2005 sal-Ħadd 15 ta' Mejju 2005. F'din il-wirja se jiġu esebiti statwi, pitturi ta' Santa Katarina, relikwi u 'badges', ritratti antiki tal-Knisja Parrokkjali, tal-festa u ta' l-istatwa, santi, mkatar u sunetti, xogħol tal-ganutell u tal-monasteru, u kull ħaġa oħra relatata mal-qima lejn Santa Katarina f'pajjiżna. Din il-wirja se tiftaħ is-Sibt 7 ta' Mejju 2005 fis-7.30p.m. u wara tkun miftuħa kuljum mid-9.30a.m. sa 12.00p.m. u mill-4.30p.m. sat-8.00p.m.



# Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

**MEJJU 2005** Nhar il-Ħadd 22 ta' Mejju l-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel servizz ta' marċ u programm ġewwa l-Marsa għall-Festa tat-Trinità. Is-servizz jibda mis-6.15pm sal-10.15pm.

**ĠUNJU 2005** Nhar il-Ħadd 12 ta' Ġunju l-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel servizz ta' marċ u programm ġewwa Ħaż-Żebbuġ għall-festa ta' San Filep. Il-marċ jibda fis-6.15pm. Wara l-banda tagħmel programm fuq il-planċier ħdejn il-Każin tal-Banda 12th May.

Nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju il-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel servizz ta' marċ ġewwa ż-Żejtun għall-festa ta' Santa Katarina V.M. Il-marċ jibda fis-6.30pm minn fejn il-Knisja ta' San Girgor, u wara jkompli wara l-purċissjoni.

Nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju il-Banda se tagħmel servizz ta' marċ ġewwa tas-Sliema għall-okkażjoni tal-festa tas-Sacro Cuore. Il-marċ jibda fit-8.00pm minn quddiem il-Każin tal-Banda Sliema. Wara jgħaddi minn diversi toroq Slimiżi u jispiċċa quddiem l-istess Każin għall-ħabta tal-11.00pm.

Nhar l-Erbgħa 29 ta' Ġunju l-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel servizz ta' marċ ġewwa Ħal Luqa għall-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Andrija u tal-125 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tal-Banda Unjoni. Il-marċ jibda fit-8.30pm u jispiċċa fil-11.30pm.

**LULJU 2005** Nhar il-Ħadd 10 ta' Lulju l-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel servizz ta' marċ u programm ġewwa Ħal Balzan għall-festa tal-Annunzjata. Il-marċ jibda fis-6.45pm u wara jsir programm fuq il-planċier, fejn x'ħin il-vara ta' l-Annunzjata tasal ħdejn il-Każin, il-Banda Santa Katarina V.M. ddoqq l-Ave Maria ta' Bach jew Gounod.

**F'DAWN IS-SERVIZZI L-BANDA SANTA KATARINA V.M. SER TKUN TAĦT ID-DIREZZJONI TAS-SURMAST DIRETTUR TAGĦHA FRANCIS FALZON L.(MUS.)L.C.M., L.R.S.M.**

## Avviżi

Il-Kunċerti tal-Banda qed isiru kull nhar ta' Tlieta fis-7.00p.m.

Nhar ta' Sibt mit-8.30am sa 12.00pm isiru l-lezzjonijiet ta' l-istrumenti ta' l-injam mis-Surmast Direttur Mro. Francis Falzon.

Nhar ta' Ħamis mill-4.30pm sas-6.30pm isiru l-lezzjonijiet ta' l-istrumenti tar-ram mill-Assistant Surmast Mro. Mario Testa.

**Ibagħtu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika fi ħdan l-Ewwel u l-Aqwa Soċjetà Mużikali fiż-Żurrieq, taħt l-isem tal-Patruna maħbuba tagħna Santa Katarina V.M. ta' Lixandra.**

## Programm Mużikali Kommemorattiv

Il-Banda Santa Katarina V.M. esegwiet Programm Mużikali Kommemorattiv fit-Teatru Sir Temi Zammit ta' l-Università nhar is-Sibt 19 ta' Frar 2005, taħt it-tmexxija tas-Surmast Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M.,L.R.S.M. Dan sar bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju ta' l-1700 sena mill-Martirju u l-mewt ta' Santa Katarina V.M. ta' Lixandra. Ġew esegwiti dawn il-kompożizzjonijiet: Innu taċ-Ċentinarju 305- 2005 "Sebħ tal-Martri Katarina" ta' Patri Anton Briffa O.F.M.Cap. u versi tas-Sur Anthony Mangion, li tkanta mis-sinjuri Marisa D'Amato, Marthese Tanti, Claudio Tonna u Mark Tonna; l-overture "Festive Overture" ta' Francis Falzon; selezzjoni mit-"Tosca" ta' Giacomo Puccini; il-ballet "Coppelia" ta' Leo Delibes; it-tielet u l-ħames moviment mill-"Pastoral Symphony" ta' Ludwig Van Beethoven; "Oregon" ta' Jacob de Haan u l-Innu Marċ Banda Santa Katarina V.M. ta' Francis Falzon. Fi tmiem il-Programm, il-President tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Anthony Bonniċi, f'isem il-kumitat ippreżenta rigal ta' tifkira lis-Surmast Francis Falzon bħala apprezzament għall-impenn tiegħu u għall-mod verament tajjeb kif ġie esegwit dan il-programm mużikali, u rringrazzja lil kulħadd. Is-surmast Francis Falzon għamel ir-ringrazzjamenti tiegħu lill-president, il-kumitat, il-bandisti u lill-attendenza ferm numeruża li kien hemm fit-teatru.

Il-preżentatriċi kienet il-kantanta Marthese Tanti li għalqet din il-lejla bil-messaġġ li ġie mibgħut mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca lill-Parroċċi taż-Żejtun u taż-Żurrieq fl-okkażjoni tas-sena Ċentinarja ta' Santa Katarina. L-Arċisqof Mercieca awgura li l-eżempju ta' Santa Katarina li tat ħajjitha għall-imħabba t'Alla, iqawwina lkoll biex l-imħabba tagħha lejn il-Mulej insarrfuha wkoll bix-xhieda tagħna mal-proxxmu fil-bżonn ta' l-imħabba, l-għajnuna u l-appoġġ.



## Ringrazzjament u Prosit

Prosit misthoqqa lill-Bandisti kollha tal-Banda Santa Katarina V.M. tal-Programm li tellgħu nhar is-Sibt 19 ta' Frar 2005, ġewwa l-Università, għall-okkażjoni taċ-Ċelebrazzjonijiet tal-1700 sena, Ċentinarju mill-mewt ta' Santa Katarina V.M. Prosit kbir lis-Surmast Direttur Francis Falzon għad-direzzjoni mpekkabli tiegħu, u għas-solisti tal-post għall-esekuzzjoni perfetta tagħhom.



## Is-Sena ta' l-Ewkaristija - *Karmenu Zerafa (President Onorarju)*

Il-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II, f'Ottubru 2004, kien ħabbar li din is-sena tkun iddedikata għall-Ewkaristija sa Ottubru li ġej. Fl-Enċiklika "Ecclesia de Eucharistia", il-Papa jgħid li l-Adorazzjoni ta' l-Ewkaristija barra mill-Quddiesa hija ta' valur li ma jistax jitkejjel fil-ħajja tal-Knisja. Hija ħaġa tassew sabiħa li ngħaddu ftit ħin miegħu u nbaxxu rasna fuq is-sider tiegħu bħad-dixxiplu l-maħbub. Fil-Parroċċa tagħna, mill-Erbgħa 1 sal-Ġimagħa 3 ta' Ġunju, huma jiem tal-Kwaranturi u ssir l- Adorazzjoni ta' l-Ewkaristija matul il-ġurnata kollha. Nixtieq infakkar ukoll li fil-Kappella ta' San Ġakbu qed ikun hemm adorazzjoni perpetwa kuljum, mis-7.30am sat-8.00pm.

Inħeġġeġ ukoll lill-fratelli biex jattendu għall-purċissjonijiet f'dawn il-jiem: il-Ħadd 29 ta' Mejju 2005, Solennità tal-Ġisem u d-Demm l-għażiż tal-Mulej u l-Ħadd 5 ta' Ġunju 2005, Purċissjoni tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

## Tiġdid tal-Konsagrazzjoni lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija

It-Tiġdid tal-Konsagrazzjoni tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija ser issir nhar il-Ħadd 12 ta' Ġunju 2005. Dan ser isir f'għeluq il-ħamsin sena minn meta s-Soċjetà ġiet ikkonsagrata mill-Arċipriet Dun Salv Gauci. Fid-9.15am il-membri jimmarċjaw mill-Każin għall-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. għall-Quddiesa li se tkun iċċelebrata mid-Direttur Spiritwali Dun Albert Schembri. Wara jsir it-tiġdid tal-Konsagrazzjoni fil-Każin tal-Banda. Il-Kumitat jappella lill-membri rġiel, nisa u żgħażagħ biex ikunu fil-Każin qabel id-9.15am.

## Il-Mulej sejħilhom biex jidħlu fil-Ferħ ma' Santa Katarina V.M. għal dejjem



| | |
|---|---|
| Il-Membru Anthony Mangion | 05/02/2005 |
| Il-Membru Joseph Buhagiar | 24/02/2005 |
| Il-Membru Emmanuel Grixti | 02/03/2005 |
| Il-Membru Michelina Garnici | 04/04/2005 |
| Il-Membru Katarina Zammit | 04/04/2005 |
| Il-Membru Onor. Karmenu Bugeja | 20/04/2005 |
| Il-Membru Michelina Spiteri | 27/04/2005 |
| Il-Bandist Onor. Emmanuel Attard | 02/05/2005 |

## Għalikom it-tfal - *Anna Maria*

Kif intom tfal? Nispera li tinsabu tajbin. Iż-żmien jgħaddi jiġri u ma jistenna lil ħadd. Minn hawn u ftit ieħor jibda s-Sajf u jibdew il-vaganzi li tant tkunu ilkom tistennew. Imma issa agħmlu moħħkom hemm, ħalli l-vaganzi tgawduhom meta tirċievu riżultat tajjeb. Fl-ewwel ħarġa tan-newsletter kont kellimtkom fuq l-Eġittu, il-pajjiż li fih għexet u mietet Santa Katarina, l-patruna tagħna. Illum se nagħtikom xi nformazzjoni fuq il-Monasteru ta' Santa Katarina V.M., dak l-istess monasteru li fih, xi snin ilu, l-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni mar jagħti qima lill-fdalijiet ta' Santa Katarina V.M. Il-Monasteru ta' Santa Katarina V.M. jinsab fuq il-Muntanja Sinaj f'għoli ta' kważi 5000 metru u huwa kkunsidrat l-aqwa monasteru tal-Lvant.



*Il-Monasteru ta' Santa Katarina fis-Sinaj*

Fih insibu librerija famuża u storika li fiha kien instab dokument Bibbliku tar-raba' seklu. Dan il-monasteru jfisser ħafna kemm għall-Insara kif ukoll għall-Ortodossi Griegi u dan għaliex fih jinsabu l-fdalijiet ta' Santa Katarina V.M., fdalijiet li ttellgħu fuq is-Sinaj mill-anġli wara li Massiminu qatel lil din il-qaddisa. Barra minn hekk, jingħad li dan il-monasteru nbena fil-post fejn Mosè sema' lil Alla jkellmu mis-siġra taqbad.

Jekk tħarsu sew lejn ir-ritratt, tindunaw li l-monasteru hu mdawwar bis-swar. Dan għaliex il-patrijiet li kienu jgħixu fih kienu jibżgħu ħafna mill-attakki ta' l-għedewwa u għalhekk bnew is-swar biex jipproteġu lilhom infushom u lill-monasteru li kien tant għal qalbhom. Illum dan il-monasteru jattira lejh eluf ta' pellegrini kull sena, minn kull naħa tad-dinja, kemm minħabba l-valur storiku li fih kif ukoll minħabba l-episodji Bibbliċi li seħħew f'dan il-post qaddis.

Nispera li dik l-informazzjoni kienet ta' interess għalikom. Bħas-soltu għandna għalikom tliet mistoqsijiet ħfief, li jekk tirrispondu hom tajjeb tistgħu tirbħu rigal sabiħ. Ir-rebbieħa tat-tielet edizzjoni huma Mark Cauchi, Benjamin Schembri u Deandra Caruana. Dawn se jirċievu mingħandna rigal kull wieħed.

**1. Ta' liema seklu hu d-dokument Bibbliku li nstab fil-monasteru?**
**2. Min tella' l-ġisem mejjet ta' Santa Katarina fuq is-Sinaj?**
**3. Għalfejn il-patrijiet bnew is-swar madwar il-monasteru?**

Mela tinsewx tibagħtu r-risposti tagħkom fl-indirizz: **'Kompetizzjoni Tfal, Catharina Zurricanorum Patrona', Palazz Alexandria, Misraħ Repubbblika, Żurrieq.** Ciao tfal, oqogħdu bil-għaqal!

# Sotto Kumitat Armar - *Joey Darmanin*



*Il-Ġitanti ġewwa Katanja*

Għeżież qarrejja,

Iż-żmien għaddej ġmielu u l-festa dalwaqt magħna. Tul dawna x-xhur komplejna naħdmu bla heda biex f'Settembru jerġa' jkollna l-ikbar festa f'raħalna. L-unur tagħna hu li ninfurmawkom b'dak kollu li jkun qed isir għax flimkien intellgħu festa ta' dak il-kalibru.

**Maħżen.** Ix-xogħol li sar fil-maħżen tas-Soċjetà hu kbir ferm. Min ġie fil-ġranet tal-bazaar u dar dawra mal-maħżen seta' japprezza dan; 5 sulari li lkoll jinsabu fi stadju avvanzat, bini, dawl, kisi, tikħil, ilma u aperturi. Nieħdu pjaċir jekk tiġu żżuru dan il-post ġdid tas-Soċjetà tagħna. F'isem il-kumitat tagħna minn qiegħ qalbi nirringrazzja lil KULĦADD ta' l-għajnuna. GRAZZI MILL-QALB.

**Ġabra.** Il-ġabra wkoll għada għaddejja. Kunu ġenerużi kif dejjem kontu. Ix-xogħol li qed nagħmlu hu volontarju iżda l-ispejjeż huma kbar.

**Manutenzjoni ta' l-armar.** Il-pilandri tal-pjazza issa huma lesti u qed isir xogħol kbir fuq il-pedestall ta' Santa Katarina ta' l-aħħar tridu. Ma' dan isir ħafna xogħol ieħor ta' manutenzjoni ġenerali.

**Pedestall Ġdid.** Il-pedestall il-Ġdid ukoll jinsab fi stadju avvanzat, u qed nagħmlu l-almu tagħna biex ikun lest minn kollox għal din il-festa taċ-Ċentinarju. Nappellalkom biex min jixtieq jagħti donazzjoni javviċina lili jew lil Jeremy Cachia. Nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nuri sogħba għall-mewt tal-PAPA ĠWANNI PAWLU II li tant ħadem b'konvinzjoni għall-għaqda tad-dinja. Aħna Żrieraq nixtiequ nirringrazzjawh ta' l-unur kbir li ta lil Santa Katarina. Nawguraw ukoll lill-Papa l-Ġdid Benedittu XVI.

**Function Turisti.** Dina issa waslet fi tmiemha, iżda nistgħu ngħidu li kienet suċċess kbir, u qlajna kliem ta' tifħir għas-servizz li tajna. Nirringrazzjaw lill-kumpanija talli għoġobha turi din il-fiduċja fina.



*Turisti waqt Function fil-Każin*

**Ġita Katanja.** Nixtieq nirringrazzja lill-ġitanti li ġew magħna għall-ġita ta' Katanja u nistednukom biex tkomplu takkumpanjawna fil-ġiti tal-futur.

**Attivitajiet.** Nixtieq nirringrazzjakom talli għoġobkom tiġu għall-bazaar li organizzajna u nwiegħdukom li l-flus li ġbarna nutilizzawhom bl-aħjar mod possibli. Żewġ attivitajiet għax-xhur li ġejjin huma l-**BBQ Garden of Eden** nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju fejn ikun hemm ikel abbundanti u varjetà kbira. Nhar is-Sibt 16 ta' Lulju **Ġurnata Splash and Fun** fejn inkunu nistgħu nużaw il-faċilitajiet ġodda kollha li se jkunu lesti din is-sena. Aktar informazzjoni fil-posters iż-żgħar.

Nixtieq nagħti l-kondoljanzi lill-familjari ta' Karmenu Bugeja, li tlieta minnhom jiffurmaw parti mill-kumitat tagħna. Infakkarkom ukoll li dis-sena s-sotto kumitat tagħna jagħlaq 5 snin mit-twaqqif tiegħu. Nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha, speċjalment li din is-sena ingħaqdu magħna 4 membri oħra, li unur tiegħi ngħid li huma 4 żgħażagħ. Grazzi lill-membri u l-kumitati kollha tal-Każin, u fuq kollox grazzi lil Santa Katarina li tant tħobbna. Viva Santa Katarina.

# Nota Amministrattiva *mis-Sur Josef Cachia*

Kif stajtu tinnotaw tul dawn it-tliet xhur, il-Kumitat flimkien mas-Sezzjonijiet u s-Sotto Kumitati kollha konna mpenjati f'sensiela t'attivitajiet li bil-mod il-mod qed iressquna lejn il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festi Ċentinarji fl-okkażjoni ta' l-1700 Sena mill-Martirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra. Permezz ta' dawn l-attivitajiet dejjem qed inkomplu nagħtu ġieħ lill-Patruna tagħna. Ma nistax ma nagħmilx referenza għall-Compact Disk li għadha kif ġiet maħruġa b'ġabra t'innijiet ta' tifħir lil Santa Katarina. Nieħu din l-okkażjoni biex inħeġġeġ lil kulħadd biex jakkwista kopja ta' din il-CD mill-Każin. Meta wieħed iħares lejn il-programm t'attivitajiet li hemm ippjanati għat-tliet xhur li ġejjin, ser inkomplu b'ritmu tajjeb li jwassalna għall-qofol tal-festa. Hija ferm mistennija l-wirja li ser issir fil-Każin bejn is-7 u l-15 ta' Mejju 2005. Wirja li fiha ser inkunu nistgħu ingawdu diversi opri li ser jiġu esebiti, kollha b'konnessjoni ma' Santa Katarina ta' Lixandra. Minbarra diversi attivitajiet soċjali li bħas-soltu ser inkunu qed norganizzaw, il-qofol f'dawn it-tliet xhur bla dubju ser ikun fil-Musical "Jisimni Katarina" li ser nippreżentaw fuq iz-zuntier tal-Knisja nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2005. M'hemmx dubju, fil-Festi Ċentinarji dan il-musical ser jerġa' jippreżenta b'mod differenti l-ħajja Qaddisa tal-Patruna tagħna.

Inħeġġeġ lill-membri kollha sabiex isegwu u jkomplu jipparteċipaw fl-attivitajiet kollha li qed jiġu organizzati f'din is-sena ta' Festa lill-Qaddisa Santa Katarina ta' Lixandra.

**Min jixtieq jingħaqad magħna se norganizzaw private għall-quddiesa tal-Paniġierku fiż-Żejtun nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju 2005, liema Paniġierku se jsir minn Fr. John Curmi. Għal aktar informazzjoni kkuntattjaw lil Lorna Darmanin fuq 21640522 jew 79020679. Grazzi.**



# Sezzjoni Nar - *Is-Sur Emmanuel Farrugia*

Insellmilkom u għal darb'oħra se naġġornakom ftit dwar is-Sezzjoni tagħna. Ix-xogħol tan-nar tiela' ġmielu u qed nippreparaw biex niċċelebraw il-Festi Ċentinarji bil-kbir. Nirringrazzjakom tal-konkorrenza tagħkom għall-Country Nights li qed jiġu organizzati fil-Każin. il-Country Night li jmiss se ssir nhar is-Sibt 14 ta' Mejju u l-aħħar waħda għal dan l-istaġun se tiġi organizzata fl-4 ta' Ġunju fejn se jkollna mistieden lil Tarċisjo Barbara. Se norganizzaw ukoll BBQ kbir ġewwa l-Garden of Eden, b'kollaborazzjoni mas-Sotto Kumitat Armar, nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju. Inħeġġiġkom tattendu ħalli niddevertu flimkien u fl-istess ħin ngħinu lis-Soċjetà. L-ispejjeż huma kbar u għalhekk kull għajnuna hi milqugħa.

Għat-tieni sena konsekuttiva ħadna sehem fil-Festival Nazzjonali tan-Nar li jsir fil-Port il-Kbir b'murtali tal-kulur u ftuħ tat-8". Prosit tal-wirja lil kull min ħadem. Fl-aħħar nett nixtieq nagħti l-kondoljanzi lill-familja ta' Frans Cassar li kemm-il darba għen lil din is-Sezzjoni u nirringrazzjah f'isem is-Soċjetà kollha. Nirringrazzjakom ta' l-appoġġ li dejjem urejtu magħna u nispera li narakom fl-attivitajiet li jmiss. Grazzi.



*Xi xogħol tan-nar li se jinħaraq fil-Festival Nazzjonali tan-Nar*



Bari 1997

Catania 1959






Acireale 1955

Lucca 2004






Noto 1954

**Unuri miksuba mill-BANDA SANTA KATARINA V.M. fil-5 safriet barra minn xtutna**




## FLOKKIJIET BIL-LOGO TAL-FESTI ĊENTINARJI

Għal aktar dettalji kkuntattjaw lill-Membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.

## Cd bl-isem "Insellmulek Katarina"

Cd b'diski oriġinali fl-Okkażjoni tal-Festi Ċentinarji Katrinjani. Ixtri kopja ta' din il-Cd għall-prezz ta' Lm5 mill-Bar tal-Każin jew mingħand il-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.

## Palmisti Promotions - Banana Power

NEXT EVENTS:
Sunday 15th May 2005
Sunday 29th May 2005

@ St. Catherine Band Club Żurrieq

Iċ-Chairman u l-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti jixtiequ jirringrazzjaw lil kull min ta s-sehem tiegħu fil-Maratona tal-Liedna u fis-Serata Mużiko Letterarja.



# Santa Katarina ta' Lixandra fil-Ħajja Soċjali tal-Maltin - *L-Ewwel Parti*

Il-qima qawwija u l-imħabba kbira lejn Santa Katarina ta' Lixandra ma ħallewx impatt biss fil-qasam reliġjuż tal-gżejjer Maltin, iżda ħallew impatt kbir fuq il-ħajja soċjali tal-Maltin, kif sejrin naraw f'dan l-artiklu.

## SANTA KATARINA U L-AGRIKOLTURA

Il-25 ta' Novembru, jum Santa Katarina, kien jum indikattiv fil-kalendarju ta' l-agrikoltura Maltija. Nhar Santa Katarina iżra' l-ġurbiena. Min irid ġurbiena bajda, sabiħa u kbira għall-Milied, il-parir ta' l-espert huwa li jiżra' l-ġurbiena u jpoġġiha fid-dlam nhar il-25 ta' Novembru. Il-bidwi li jrid qannata tajba ful kellu jiżra' l-ful qrib ħafna tal-25 ta' Novembru. Iżra l-ful nhar Santa Katrini biex jagħmel bla fini jew Iżra l-ful nhar Santa Katarina biex bil-kotra dan jagħtina. U dan bir-raġun, għax il-bidwi mill-esperjenza jaf li sa Santa Katarina l-art tkun xorbot sew l-ilma tax-xita u għalhekk tkun f'kundizzjoni tajba għaż-żriegħ tal-ful. Xejn inqas fejn jidħol il-qamħ. Min żara t-tgħam f'Katrini jagħmel bla fini u tal-Milied jagħmel bl-imdied, u l-qamħ ta' Santa Katrini, it-tiben u t-tgħam jagħtini. Xi jfisser dan il-qawl: Il-qamħ miż-rugħ f'Santa Katarina joffri ċertezza lill-bidwi u jagħtih sew it-tgħam u sew it-tiben. It-tgħam u t-tiben jiswew mitqlu deheb għall-bidwi peress li t-tgħam joffri ż-żerriegħa għaż-żriegħ, għall-għalf u għall-ħobż, filwaqt li t-tiben barra l-għalf joffri wkoll sodda fl-imwieqel għall-bhejjem. Barra ż-żriegħ jidħol ukoll l-inbid u l-frott. San Martin (11 ta' Novembru) ikisser it-tin u Santa Katarina tisqih bil-fin. Hawn min, bħal Aquilina, jispjega dan il-qawl bħala San Martin il-ġurnata li fiha jinfetaħ it-tin u jitqatta' ċappa ċappa u Santa Katarina bħala ż-żmien li jissaqqu s-siġar tat-tin bix-xita. Iżda oħrajn isostnu li l-fin li tisqina Santa Katarina hu l-inbid li jilħaq mat-tin imqadded u li jinfetaħ u li jitqatta' ftit ġranet qabel Santa Katarina. F'kelma waħda nhar il-25 ta' Novembru, il-Maltin setgħu maċ-ċappa tat-tin bnina jlegilgu tazza nbid fina u bnina.



*Inkwadru ex voto li jinsab fil-Knisja ta' Santa Katarina V.M. Żurrieq*

Semmejna l-frott u allura ma nistgħux inħallu barra r-rummien ta' Santa Katarina. Hemm ir-rummien ta' Santa Roża, ta' San Ġużepp u ta' San Mikiel. Kollha għandhom xi karatteristika partikulari. Ir-rummien ta' Santa Katarina huwa komuni ħafna fl-inħawi ta' Binġemma u l-Imġarr. Jissejjaħ hekk għax jilħaq fi żmien Santa Katarina tax-xitwa. Hu rummien ħelu, żgħir fid-daqs u bi snien żgħar u rotob. Il-qoxra hi ħamranija u ma tinqasamx. Serracino Inglott jiddeskrivih bħala bla meraq.

U fl-aħħar insemmu wkoll xitla, jew aħjar sukkulent li jġib l-isem tal-qaddisa tagħna. Din hi x-xewka ta' Santa Katarina magħrufa wkoll bħala Ewforbja tax-xewk u bl-Ingliż 'Christ's Thorns'. L-isem xjentifiku ta' dan it-tengħud hu Euphorbia milii slendens. Hi pjanta indiġena tal-Madagaskar imma li sabet post tajjeb fil-qsari tal-btieħi u l-ġonna Maltin. Twarrad fjuri ħomor żgħar prattikament is-sena kollha iżda l-iżjed fir-rebbiegħa. Ix-xewk tagħha jfakkrek fis-snien tar-rota tal-martirju ta' Santa Katarina.

## SANTA KATARINA U S-SAJD

Ta' min jgħid li ż-żewġ irħula ta' Malta ddedikati lil Santa Katarina - iż-Żurrieq u ż-Żejtun - għandhom, kif kellhom sa mill-qedem, numru ta' nies li x-xogħol tagħhom huwa s-sajd, dari aktar mil-lum. Is-sajjieda Żrieraq u Żwieten ma nsewha qatt lill-patruna tagħhom, għax it-tnejn ħasbu li jsemmu triq għaliha sew f'Marsaxlokk, kif ukoll f'Wied iż-Żurrieq. Bla dubju lanqas Santa Katarina ma naqset taħseb fis-sajjieda wliedha. Dan nistgħu narawh mill-kwadri votivi fejn insibu r-ringrazzjament tas-sajjieda lil Santa Katarina wara li ħelsithom mill-għarqa. Fil-fatt l-uniku kwadru votiv li baqgħalna fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq iġib is-sena 1791 fejn xi sajjieda Żrieraq jirringrazzjaw lil San Ġużepp u lil Santa Katarina talli fl-10 ta' Marzu fl-istess sena ħelsuhom mill-għarqa waqt li kienu xi 2 jew 3 mili 'l bogħod minn Marsaxlokk.

Kemm is-sajjieda Żrieraq u Żwieten kienu jafdaw ħajjithom fuq il-baħar f'idejn il-Patruna tagħna Santa Katarina jixhduh diversi rakkonti tas-sajjieda. Fiż-Żurrieq, sa l-ewwel snin tas-seklu għoxrin, meta s-sajjied kien għadu jserraħ biss fuq l-imqadef u s-saħħa ta' dirgħajh, is-sajjieda Żrieraq u Qrendin tal-Wied kienu jiftiehmu fi żmien is-sajd ma' sid it-torri-razzett fl-inħawi tal-Ġlud, fit-Triq tal-Qrendi biex jixgħelilhom kull filgħaxija u tul il-lejl l-istatwa ta' Santa Katarina li kienet fuq fil-għoli nett tat-torri razzett. Din in-niċċa bl-istatwa ferm sabiħa ta' Santa Katarina, dak iż-żmien bl-ebda bini quddiemha, kienet tħares fuq il-bokka ta' Wied iż-Żurrieq. Kien dan id-dawl quddiem Santa Katarina li kien juri lis-sajjied imbiegħed it-triq lura lejn il-wied. Min jaf x'wens u faraġ kien iħoss dak is-sajjied, iben ir-raħal, għajjien wara tant ħin fuq il-baħar f'dik is-swidija ta' baħar u sema, min jaf minn fejn ikun ġej, hekk kif kien jara dak id-dawl inemnem fil-ħemda tat-Triq tal-Qrendi. Min jaf b'liema fidi u b'liema ħerqa kien jgħid il-ġakolatorja li tant ħarġet minn fomm is-sajjieda l-oħra ta' qablu: **Santa Katarina il-wied urina jew Santa Katarina lejn darna mexxina.**



*In-niċċa ta' Santa Katarina fir-razzett tat-Triq tal-Qrendi*

Design & Printing: Tel: 21250994/3 - printright@onvol.net